**media** release

## we care LIVE varat il-Belt Valletta

Nies anzjani li jgħixu waħedhom u individwi oħra li jixtiequ jkollhom serħan il-moħħ waqt li jgħixu ħajja indipendenti u jkomplu jgħixu l-ħajja tagħhom normali ta' kuljum jistgħu jgawdu minn servizz ġdid, we care LIVE, li ġie varat illum (it-Tnejn, 30 ta' Settembru).

Il-Perit Konrad Bezzina, Direttur Maniġerjali ta' We Care Ltd, ħabbar dan is-servizz innovattiv waqt ċerimonja f'Misraħ l-Asseju l-Kbir, il-Belt, Valletta, fil-presenza tal-Ministru tas-Saħħa Godfrey Farrugia.

Is-servizz, frott ta' inizjattiva konġunta ma' Handson Systems Ltd, jaħdem permezz ta' apparat *state-of-the-art* li jidħol fil but. Dan l-apparat juża GPS u jaqbad permezz ta' netwerks tal-GSM ma; call centre li jopera 24 siegħa kuljum sebat ijiem fil-ġimgħa biex l-utenti ikunu f'kuntatt kull fejn imorru .

Operaturi tal-customer care għand we care LIVE ingħataw taħriġ estensiv, fosthom fl-Ewwel Għajnuna, flimkien ma' pariri professjonali sodi biex ikunu jistgħu jimmaniġġjaw kull sitwazzjoni ta' emerġenza u jipprovdu l-ewwel assistenza li kull utent jista' jkollu bżonn.

Geoffrey Farrugia, Direttur Maniġerjali ta' Hanson Systems, wera kif jaħdem l-apparat, li għandu kemm buttuna li meta ningħafas l-utent jaqbad mal-call centre ta' we care LIVE u sensor biex jekk il-persuna taqa', il-call centre ukoll jiġi notifikat. Bl-użu tal-GPS, il-post speċifiku fejn ikun l-utent jiġi komunikat mhux biss jekk il-persuna tkun id-dar iżda kull fejn tkun f'Malta u Għawdex.

L-Ambaxxatur Anthony DeBono, Ċermen ta' Handson Systems, fakkar fl-esperjenza tiegħu fil-ministery tas-saħħa pubblika matul għaxar snin bejn is-snin Sebgħin u Tmenin, u semma wkoll l-involviment tiegħu biex beda t-telefonija bil-mobile meta kien CEO tat-Telemalta. "Dawn iż-żewġ setturi importanti, li kienu daqshekk fuq quddiem fil-karrieri tiegħi, spikkaw għaliex permezz tagħhum ġew varati servizzi

innovattivi għall-benefiċċju tas-soċjetà. Illum inħosni kburi ħafna li qiegħed hawn għat-tnedija ta' dan l-apparat li jista' jsalva l-ħajja tan-nies li ġie ddiżinjat minn Handson Systems u permezz ta' din l-inizjattiva konġunta ma' We Care Ltd, jista' jagħmel id-differenza għal ħanfna nies u qrabathom," qal is-Sur DeBono.

Permezz ta' dan l-apparat, we care LIVE qegħdin jippromwovu l-anzjanità attiva, iktar indipendenza u, l-iżjed importanti, serħan il-moħħ kontinwu waqt li il-qraba tal-persuna jkunu f'kuntatt il-ħin kollu f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

**– Tmiem –**



Photo : DOI - Clifton Fenech

**Il-Ministru tas-Saħħa, it-Tabib Godfrey Farrugia jitkellem waqt li ġie varat is-servizz ġdid we care LIVE**




Photo : DOI - Clifton Fenech

**Iċ-Ċermen ta' Handson Systems, l-Ambaxxatur Anthony DeBono, jagħti l-indirizz tiegħu**




Photo : DOI - Clifton Fenech

**Media contact:**

Malcolm J Naudi
Malcolm J Naudi Communications
Tel.: +356 2137-0495; +356 9990-0207
E-Mail: info@mjncommunications.com

**About We Care Limited**

We Care Ltd is an independent and privately owned care agency providing a variety of services to their clients, in their own home, on a one-to-one basis.

Our mission is to encourage and assist the elderly, disabled and injured to live an independent life with dignity, serenity and care.

Our services are primarily designed for:

the **elderly**, who would like to continue living in the comfort of their own home but need that extra help;

the **differently abled**, to support them to live independently or support the parent who cares for the child 24/7;

the **injured**, any individual who has been injured or is recovering from an illness and requires temporarily help.

**About Handson Systems Limited**

HandsOn Systems Ltd. is a technology company which specialises in the following key areas:

- Vehicle telematics (vehicle electronics, sensors, diagnostics, engine tuning and remote sensing);
- GIS/GPS technologies (real-time tracking, mapping, routing, satellite imagery, geofencing);
- Wireless technologies (GPRS,3G, satellite and wi-fi);
- RFID (asset tracking and tagging);
- Business Intelligence (Reports, Dashboards, KPIs);
- Mobile and Web applications (iPhone, Android and Blackberry development); and

- Security solutions (emergency response, fuel anti-theft, control room software, panic systems and collision detection).

The company offers a fast, secure service, available 24/7, with unlimited updates to its technology.

For more information: www.wecare.com.mt